**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 284/15 AL

A B

vs

1. Avukat Dr Joseph Ellis u il-PL Melissa Anastasi b'digriet tat-18 ta' Marzu 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-C D
2. E maghrufa bhala N F
3. Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Novembru 1988, fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes, gewwa l-Furjana ;
2. Illi l-partijiet, kienu ilhom de facto separati minn Mejju 1999 u llum iddivorzjaw, kif jidher mill-vera kopja tal-Qorti

Civili, Sezzjoni tal-Familja annessa u mmarkata Dok A u fil-fatt jghixu hajja indipendenti minn xulxin ;

3. Illi wara li nfirdu de facto izda qabel ma sseparaw legalment, l-intimata kellha tifla li jisimha C D li twieldet fit-tnejn ta' Novembru elfejn u disgha (2.11.2009), kif jidher mill-annessa kopja tac-certifikat tat-twelid immarkat Dok B ;
4. Illi l-minuri giet irregistrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'Att tat-twelid bin-numru ta iskrizzjoni erbat elef u sebgha u hamsin (4057) tas-sena elfejn u disgha (2009) li jindika lill-esponent A B bhala l-missier naturali (Dok B) ;
5. Illi ghalkemm fiz-zmien tat-twelid tal-imsemmija C D kif ukoll fiz-zmien tal-koncepiment tal-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimata E maghrufa bhala N B kienu ghadhom legalment mizzewgin, il-partijiet kienu diga' separati de facto u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti l-ebda possibilita' li l-minuri hija l-wild naturali tal-istess rikorrenti A B ;
6. Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet u l-minuri C D mhux il-wild naturali tar-rikorrenti A B u kien proprju minhabba l-presunzjoni tal-paternita' ai termini tal-Art. 68 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrenti tnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri C D ;
7. Illi r-rikorrenti jrid li c-certifikat tat-twelid ta' C D jkun jirrispekkja l-verita' tac-cirkostanzi ;
8. Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat b'tali mod li juri li r-rikorrenti A B mhux missier il-minuri C D ;
9. Illi ghal kull buon fini, r-rikorrenti jiddikjara li huwa lest li jissottometti ruhu ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista' tigi eskluza l-possibilita' li huwa l-missier naturali tal-minuri ;
10. Illi r-rikorrenti gie debitament awtorizzat jintavola l-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat hamsa u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (25.07.2015), kopja ta' liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. C ;

Talab ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-minuri C D mhix il-wild naturali tar-rikorrenti A B u l-istess rikorrenti m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri ;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri C D mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem 'A B' kif ukoll ihassar id-dettalji l-ohra tar-rikorrenti A B ;
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri C D minn dak prezenti u cjoe' 'B' u jitnizzel 'F' minflok, ladarba ma ddikjaratx min hu l-missier naturali tal-minuri ;

Bl-ispejjez kontra l-intimata E maghrufa bhala N F li hi minn issa ingunta in subizzjoni ;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol 30)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, illi nonostante li fil-punt numru għaxra (10) tar-rikors in risposta, r-rikorrent għamel referenza għad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), permezz ta' liema digriet hu allegatament stqarr illi *"ġie debitament awtorizzat jintavola l-kawża odjerna"*, mandankollu r-rikors in kwistjoni ma ġiex anness mar-rikors ġuramentat u ikun għalhekk idoneju li jiġi pprezentat fil-kawża odjerna u dan sabiex jiġi żgurat illi l-imsemmi rikors sar ai termini tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ġjaladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri C D;

2. Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, l-esponent jeċċepixxi illi fl-ewwel lok trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* tirrikjedi lir-rikorrent sabiex jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrileva li ikun idoneju illi din l-Onorabbli Qorti joġobha tordna li jiġu mwettqa testijiet ġenetiċi fuq il-partijiet ikkonċernati ai termini tal-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi dwar il-paternità tal-minuri C D, u liema rapporti għandhom jkunu ġuramentati mit-tekniku li jkun wettaq l-imsemmija testijiet;

4. Illi bla ħsara, l-esponent jeċċepixxi illi fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri C D ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tagħha, li jġib in-numru progressiv ta' erbat elef u sebgħa u ħamsin (4057) tas-sena elfejn u disgħa (2009);

5. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri C D, illi jekk huwa magħruf jiġi żvelat l-isem eżatt tal-missier naturali tal-imsemmija minuri, ħalli b'hekk il-missier naturali rispettiv jkun jista jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri C D tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' l-eċċezzjoni numru ħamsa (5) surreferita, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri C D sabiex, permezz ta' nota, jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) in-

numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri C D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-imsemmija minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita minuri C D, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni progressiv ta' erbat elef u sebgħa u ħamsin (4057) tas-sena elfejn u disgħa (2009);

7. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu u jispeċifikaw b'mod definittiv liema kunjom ha tibda tassumi l-minuri C D a tenur tat-tieni proviso **tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

8. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti għandha ukoll jekk jogħġobha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, mill-Att tat-Twelid tal-minuri C D, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni progressiv ta' erbat elef u sebgħa u ħamsin (4057) tas-sena elfejn u disgħa (2009);

**9.** Illi mingħajr ħsara għas-suespost għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jistqarr illi mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**10.** Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**11.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Melissa Anastasi, li permezz taghha eccepew : (fol 34)

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri C D m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonjiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dr Joseph Ellul u il-PL Melissa Anastasi;

Rat illi l-konvenuta E sive N F debitament notifikata ma ppreżentat ebda risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-ritratti tal-minuri esebiti mill-konvenuta[1].

Rat in-nota tal-konvenuta[2], ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2017, illi permezz tagħha hija ddikjarat illi l-missier naturali tal-minuri jismu Best Kurin, imwieled u residenti n-Niġerja;

---

[1] Fol. 53 et seq

[2] Fol. 58

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi permezz ta' digriet iddatat il-25 ta' Lulju 2015, l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi, sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri C D B.[4] Rat illi in vista ta' dan, l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B (K.I.250064M) huwa ddivorzjat minn mal-konvenuta E sive N F (K.I. 134668M) u dana b'effett ta' sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet inversi, iddatata il-25 ta' Ġunju 2015[5]. Illi l-partijiet jaqblu illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti iddatata s-27 ta' Ġunju 2014, pero` kien ilhom separati *de facto* sa minn Mejju 1999.[6] L-attur isostni li in vista ta' dan, huwa mpossibbli li l-minuri setgħet kienet bintu. Illi l-minuri xorta waħda ġiet irreġistrata bħala bintu stante l-presunzjoni legali mnissla mill-Artikolu 68 tal-Kodiċi Ċivili, u dana peress illi, fid-data tat-twelid tal-minuri u sa tliet mitt jum qabel, huwa kien għadu legalment, anke jekk mhux effettivament, żewġ omm il-minuri.

Rat il-verbali tax-xiehda tal-partijiet[7], fejn l-attur sostna illi l-minuri C D B m'hijiex bintu u dana stante li hu kien ilu jgħix separatement mill-konvenuta bejn seba' u disa' snin qabel it-twelid tal-minuri; Il-konvenuta, omm il-minuri, kkonfermat din ix-xiehda tal-attur u żiedet illi *"Missier it-tifla hu barrani u jismu*

---

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[4] Id-digriet esebit Fol. 9, Ir-rikors relattiv baqa' qatt ma ġie esebit, iżda ġie vverifikat mal-atti tal-Qorti.

[5] Fol. 5

[6] L-attur isostni dan fir-rikors ġuramentat u l-konvenuta tenniet l-istess fatt fir-rikors tagħha għad-dikjarazzjoni tad-divorzju bejn il-konjuġi Magro;

[7] Xiehda li ngħatat fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia nhar il-11 ta' Novembru 2016, fol. 47

*Best Kuri u hu Niġerjan u ma nafx fejn jinstab pero naf li tkeċċa minn Malta.”*

Ma ġie ppreżentat **ebda rapport xjentifiku u ġenetiku in sostenn ta’ dan.**

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm (“the husband”) għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri C D B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri hija reġistrata bħala bintu, din m’hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Huwa jgħid li kien issepara minn ma’ martu l-konvenuta permezz ta’ sentenza ddatata is-27 ta’ Ġunju 2014 u sussegwentement huma kisbu d-divorzju permezz ta’ digriet ta’ din l-istess Qorti, iddatat il-25 ta’ Ġunju 2015. Jallega illi martu kellha relazzjoni intima ma’ terzi illi minnha fit-2 ta’ Novembru 2009[8] twieldet il-minuri C D. F’din id-data, minkejja li huma kienu ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal mill-inqas seba’ snin,  kienu għadhom legalment miżżewġin.

Għalhekk permezz ta’ din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

[8] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 8

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ma ġewx ippreżentati. Minkejja dan, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-minuri m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur. Oltre x-xiehda ġuramentata tal-partijiet, il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi l-minuri, b'differenza mill-partijiet, għandha karnaġġjon skur. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi.

Illi, iżda, fin-nuqqas tat-testijiet ġenetiċi u xjentifiċi, filwaqt illi l-Qorti ser tgħaddi biex tiddikjara illi l-attur mhuwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri, m'hijiex disposta illi tiddikjara min jista' jkun il-missier naturali tal-minuri, stante illi l-provi dwar dan m'humiex suffiċjenti biex il-Qorti jkollha l-konvinċiment morali li dak iddikjarat ikun tassew veritier.

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li tiddikjara min hu l-missier naturali tal-minuri stante n-nuqqas ta' provi sodisfaċenti f'dan ir-rigward.

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri, bid-diskrezzjoni mogħti lilha mit-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qiegħda tordna illi l-minuri C D ssir mill-preżenti magħrufa bil-kunjom F.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement:

1. Tiddikjara illi l-minuri C D m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrenti A B u li l-istess rikorrenti m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmija minuri, innumerat erbat elef u sebgħa u ħamsin tas-sena elfejn u disgħa (4057/2009), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel “missier mhux magħruf”; Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex mill-istess ċertifikat jikkanċella il-kliem “the said” mill-konnotati tal-omm;

3. Tordna illi l-minuri ssir magħrufa bil-kunjom F u għaldaqstant tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex ibiddel il-kunjom tal-minuri C D minn “B” għal “F”;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta E sive N F.